Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 173/2018

**Mary Cassar 58457(G), Ronald Cassar 41685(G), Edmond Cassar 29382(G), Antonella Cassar 17285(G), Angela Vella 61857(G), Wenzu Cassar 59657(G), Josephine Cutajar 44296(G), Georgina Cutajar 56258(G), John Hili 139573(G), Joseph Hili 1263(G), Saviour Attard 21064(G), Grace Cassar 9155(G), Victoria Marta Pace 20387(G), Tania Portelli 23677(G), Joe Portelli 13671(G), Zachary Cassar 26665(G), John Paul Cassar 4889(G), Johnnie Cassar 13976(G), Joseph Grech 7957(G), Miriam Grech 4057(G), Franklin Grech 61755(G) u George Farrugia 58655(G)**

**(appellanti)**

**Vs**

**Il-Kunsill Lokali ta' Victoria, Għawdex**

**(appellant)**

Ilum 24 ta' Mejju, 2019.

1. **Dan huwa appell minn deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Liċenzjar li ngħatat fil-11 ta' Diċembru 2018.**

2. Fil-qosor mill-atti jirriżulta li:

   2.1. Permezz ta' ittra tas-7 ta' Settembru 2017, l-appellanti lkoll bejjiegħa tal-Monti tar-Rabat Għawdex, a tenur tar-regolament 36 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 (*Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ*), appellaw quddiem il-Bord tal-Appelli dwar Liċenzjar mill-allokazzjoni ta' posti illi l-Kunsill Lokali tal-belt Victoria għamel fil-Monti ta' Pjazza Sabina. L-ilmenti kienu:-

i. il-post allokati m' humiex prattikabbli għaliex mhux biss m'humiex ugwali għal dawk li kien hemm fit-Tokk imma huma ukoll mingħajr passaġġ adegwat bejniethom b'mod u manjiera illi huma ser ikunu ferm imxekklin fl-eżerċizzju tan-negozju tagħhom;

ii. l-allokazzjoni ta' dawn il-posti ma ħaditx in konsiderazzjoni t-traffiku tal-madwar u l-pompa tal-petrol li topera fl-istess pjazza bi ksur tar-regolament 5(13) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04;

iii. il-Kunsill Lokali qiegħed jikser regolament 5(2)(a) tal-liġi sussidjarja 441.04 meta naqas li jara li fit-triq fejn jintrama l-monti ikun hemm post għall-parkeġġjar tal-vetturi tal-bejjiegħa ħdejn l-ispazji allokati;

iv. in-numerazzjoni tal-posti assenjati saret b'mod arbitrarju u bla ebda loġika;

v. l-allokazzjoni tal-posti ma tippermettix li l-appellanti jarmaw tinda;

vi. ġo ċertu posti tal-bejjiegħa jitpoġġew pedestalli maġġuri tal-festi min-nofs Ġunju sa wara Santa Marija u għalhekk mhux se jkunu jistgħu jarmaw f' dan il-perjodu.

Talbu għalhekk lill-Bord:

*'jogħġbu jirrevoka l-allokazzjoni tal-posti lill-bejjiegħa tal-Monti tal-belt Victoria magħmula fit-22 ta' Awissu 2017'*

2.2. Permezz ta' ittra tas-6 ta' Frar 2018, il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria wieġeb illi l-aggravji kollha tal-appellanti huma nġustifikati u għandhom jiġu respinti. Speċifikament dwar l-aggravji sollevati mill-appellanti, il-Kunseill wieġeb illi:

i. għalkemm il-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04 ma tipprovdix għall-qisien tal-posti fi Pjazza Sabina u lanqas għall-passaġġi, safejn huwa prattikabbli saru l-preparamenti neċessarji sabiex il-monti jiġi armat fi Pjazza Sabina kif kienu fil-pjazza tat-Tokk b' dan illi mhux se jkunu mxekklin fl-eżerċizzju tan-negozju tagħhom;

ii. il-Kunsill ġab awtorizzazzjoni sabiex it-traffiku li se jkun ġej minn Triq Mons. Luigi Vella jgħaddi minn quddiem il-pompa tal-petrol, fejn mhux se jkun hemm posti tal-monti. Din se tibda titħaddem hekk

kif il-bejjiegħa li għandhom l-posti effetwati jerġgħu jibdew jarmaw. Inoltré, fi Pjazza Sabina saru diversi sinjali li jinfurmaw lill-pubbliku li ma huwiex permess li jsir ipparkjar fl-istess pjazza waqt il-ħinijiet tal-monti. Rigward il-pompa tal-petrol, din m' għadiex tintuża u f'kull każ, faċċata tal-imsemmija pompa ma hemm ebda posta tal-bejjiegħa tal-monti;

iii. ir-regolament 5(2)(a) tal-L.S. 441.01 jagħmel eċċezzjoni speċifika, *inter alia,* għas-suq ta' Pjazza Sabina, Victoria magħrufa ukoll bħala Pjazza Sabina. Il-Kunsill mhux jimponi l-mod kif wieħed jarma l-posta tiegħu u dwar jekk il-bejjiegħa jixtiequx jużaw l-ispazju tagħhom biex jipparkjaw vettura, sakemm jiġu rispettati l-ispazji allokati;

iv. l-allokar tal-posti sar b'mod li kemm jista' jkun jinżammu l-istess pożizzjoni tal-bejjiegħa meta kienu Pjazza it-Tokk u nżammu ukoll in-numri li kellhom qabel. Meta saru l-passaġġi ttieħed ukoll in konsiderazzjoni il-mod kif il-bejjiegħa kienu jarmaw flimkien, u li jerġgħu jsiru l-passaġġi kif kienu Pjazza it-Tokk biex ma jinfirdux il-bejjiegħa li eżempju kienu membri tal-istess familja u jarmaw flimkien;

v. il-pjanta ta' kif għandhom isiru l-posti tal-bejjiegħa tal-monti ta' Pjazza Sabina ġiet preparata mill-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri, abbażi tal-pjanta li kien hemm fit-Tokk / Pjazza Indipendenza. L-ebda waħda minn dawn il-pjanti ma tagħmel provvediment jew limitazzjoni għal tined;

vi. mhuwiex minnu li l-pedestalli u ġiġġifogu tal-festa jintramaw minn nofs Ġunju sa wara Santa Marija. F'kull każ, fi Pjazza Indipendenza / it-Tokk kienu jsiru bosta avvenimenti li minħabba fihom huma ma setgħux jeżerċitaw in-negozju tagħhom. Minn dan il-lat il-pożizzjoni tagħhom tinsab miljorata. F'kull każ, fiż-żminijiet tal-festi, il-pjazez u t-toroq kollha jiġu armati u għalhekk kienu se jkunu affetwati f' kwalsiasi post fil-berah li seta' ntagħżel mill-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozju Żgħir biex jintrama' l-monti.

2.3. B'deċiżjoni mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2018, il-Bord iddeċieda kif ġej:

> *'... il-Bord għandu idejħ marbutin kemm għal dak li jirrigwarda t-trasferiment tal-monti għal Pjazza Santa Sabina peress illi din saret b' liġi*

*u anke għal dak li jirrigwarda d-delinejazzjoni ta' l-area kollha allokata għall-monti fi ħdan Pjazza Santa Sabina. Jekk il-Bord ibiddel iż-żoni indikati għall-allokazzjoni tal-monti ma jkunx qiegħed jissindika biss id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali pero anke d-deċiżjoni ta' Transport Malta, liema deċiżjoni tesorbita l-kompetenza tiegħu. Ladarba l-post ma jistax jinbidel il-Bord ma jisa' jagħmel xejn dwar l-ilment dwar nuqqas ta' spazju u l-possibiltà o meno ta' armar ta' tined.*

*Illi l-Bord pero jħoss li għandu jissuġġerixxi li, prevja l-awtorizzazzjoni ta' Transport Malta, iż-żona indikata għall-Monti ta' bejn il-Knisja ta' Sabina u Triq Mons. Luigi Vella testendi u tinkludi dik il-parti viċin il-pompa tal-petrol li fil-preżent hija maħsuba biex jgħaddi t-traffiku, pero bl-esklużjoni ta' Triq Sant' Orsola u Triq Adrian Dingli. B' hekk iż-żona allokata għall-monti tikber u kemm l-allokazzjoni tal-posti tkun tista' ssir bil-kumdita'. Pero jerġa' jingħad illi l-Bord jista' biss jagħmel suġġeriment f'dan is-sens għaliex tali deċiżjoni hija suġġetta għall-approvazzjoni ta' Transport Malta liema approvazzjoni tmur oltré l-kompetenza ta' dan il-Bord.*

*Illi minħabba f' dawn hawn fuq spejgat il-Bord m'għandux għażla ħlief li jiċħad l-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt aggravji.*

*Illi dwar it-tielet aggravju dwar ir-regolament 5(2)(a) tal-liġi sussidjarja 441.01, ossija l-allegata nuqqas li jiġi pprovdut post għall-parkeġġjar ta;-vetturi ta' l-appellanti, issir referenza għall-proviso tal-istess artikolu li jgħid hekk:*

> *"Iżda dawn il-qisien ma japplikawx għas-suq fil-beraħ li jinsab f' San Ġakbu u suq ta' Pjazza Sabina, Victoria, f' Għawdex."*

*Illi għalhekk dan l-aggravju ma jistax jiġi milqugħ.*

*Illi dwar l-aggravju tal-pedestalli tal-festi l-Bord jirrikonoxxi li dawn jistgħu jimpedixxu uħud mill-appellanti milli joperaw f'ċertu ġranet. Dan il-Bord pero ma jistax jordna lill-Kunsill appellat joħroġ ordnijeit lil terzi li m' humiex involuti f' dawn il-proċeduri, bħal per eżempju l-persuni responsabbli għall-armar tal-festi u l-għaqdiet tan-nar.*

*Il-Bord pero jħoss li għandu jirrakkomanda lill-Kunsill li jassigura ruħu li tali pedestalli jiġu armati kemm jista' jkun viċin tad-dati tal-festi u jiżżarmaw kemm jista' jkun malajr sabiex l-appellanti jiġu ppreġudikati mill-anqas possibbli.*

*Illi jibqa' għalhekk l-aggravju dwar l-allokazzjoni tal-posti ...*

*...*

*Il-Bord iħoss illi r-raba aggravju f' dan is-sens huwa ġustifikat u l-Bord qed jordna li l-posti f' żona tnejn għandhom jiġu riorganizzati b' tali mod li l-posti 6,7 u 8 jitpoġġew viċin xulxin.*

*Il-Bord għalhekk qiegħed jilqa' limitatament l-appell fis-sens illi tirriforma d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali appellat billi jordna illi l-posta numru 8 titpoġġa viċin il-post numru 6 u 7 u mill-bqija tikkonferma d-deċiżjoni appellata.'*

3. L-appellanti appellaw minn dik id-deċiżjoni. L-aggravji huma:-

i. il-Bord kien żbaljat meta ċaħad l-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt aggravji tagħhom għaliex deherlu li m'huwiex kompetenti fir-rigward peress li wasal għall-konklużjoni li ma jistax jissindika l-operat ta' Transport Malta;

ii. il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-mansjoni u kompetenza tiegħu;

iii. il-Bord żbalja meta ċaħad it-tieni aggravju minkejja dak li jipprovdi r-regolament 5(13) tal-L.S. 441.04;

iv. il-Bord għamel interpretazzjoni ħażina tar-regolament 5(2)(a) tal-L.S. 441.04 meta kkwota mill-proviso tal-istess regolament sabiex jiċħad it-tielet aggravju tal-appellanti;

v. il-Bord naqas illi jiddeċiedi jekk l-allokazzjoni ta' posti in kwistjoni saritx ukoll skorrettament minħabba l-impedimenti li l-festi patronali joħolqu kull sena f' uħud mill-posti in kwistjoni;

vi. m'huwiex tort tagħhom li '*l-post allokat għall-monti huwa iżgħar mill-post fejn kien jarma preċedentement*' u din mhix raġuni sabiex ma jintlaqgħux l-ilmenti tagħhom.

Talbu lil din il-Qorti:

> '*Tirriforma s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Bord tal-11 ta' Diċembru 2018 billi tirrevokaha in toto ħlief fejn din laqgħat il-lanjanza ta' Antonella Cassar u tilqa' r-rikors tal-appell tas-7 ta' Settembru 2017 u dana bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.*'

4. L-appellat da parti tiegħu wieġeb illi d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, għajr għal fejn ordna illi l-posta numru 8 titpoġġa viċin il-posti 6 u 7 iżda ma sar ebda appell / appell inċidentali fir-rigward.

**Konsiderazzjonijiet.**

5. Permezz tal-**ewwel aggravju** tagħhom, l-appellanti jilmentaw mill-fatt illi l-Bord ċaħad l-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt aggravji minnhom elenkati fir-rikors promutur għaliex deherlu li mhuwiex kompetenti fir-rigward peress li wasal għall-konklużjoni li ma jistax jissindika l-operat ta' Transport Malta. L-appellanti jiċċaraw li fl-ebda waqt ma użaw il-proċedura odjerna biex jimpunjaw it-

trasferiment tal-Monti minn Pjazza Indipendenza għall-Pjazza Santa Sabina kif donnu fehem il-Bord, iżda l-ilment tagħhom kien limitat għall-allokazzjoni tal-posti li ġiet neċessitata wara tali trasferiment. Jikkontendu li l-Bord żbalja meta wasal għall-konklużjoni li, '*liema parti minn Pjazza Santa Sabina kellha tiġi allokata għall-Monti mhix deċiżjoni tal-Kunsill Lokali u lanqas tas-Sezzjoni tal-Kummerċ'* u li '*jekk il-Bord ibiddel iż-żoni indikati għall-monti ma jkux qiegħed jissindika biss id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali peró anké d-deċiżjoni ta' Transport Malta, liema deċiżjoni teżorbita mill-kompetenza tiegħu.'* Jgħidu li din id-difiża ma tqajjmitx mill-Kunsill Lokali appellat u lanqas mill-Bord *di sua sponte* u kuntrarjament għal dak li jiddisponi l-artikolu 732A tal-Kap. 12, ġew imċaħħda milli jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-Bord dwarha; għalhekk id-deċiżjoni appellata hija invalida u għandha tiġi revokata. Fil-mertu jikkontendu inoltré illi l-konklużjoni tal-Bord hija f' kull każ żbaljata għaliex il-Kunsill ma ċaħadx li l-ispazju li fih irid jarma' l-Monti fi Pjazza Sabina ġiet indikata minnu u li hu kien responsabbli għall-mod kif saret l-allokazzjoni tal-posti. Jgħidu li mit-tweġiba tal-Kunsill u x-xhieda prodotti huwa evidenti li l-uniku rwol ta' Transport Malta kien li japprova t-*traffic management plan* sottomessa mill-Kunsill u xejn aktar.

6. Il-Kunsill wieġeb iżda li l-Bord kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu stante illi ladarba t-trasferiment minn Pjazza Santa Sabina kien sar permezz ta' liġi, allura, l-istess Bord kellu jieħu in konsiderazzjoni l-istess liġi biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Jgħidu li l-appellanti jinsew li l-Kunsill kellu l-obbligu jagħmel l-allokazzjoni tal-posti bil-limitazzjonijiet ta' Pjazza Santa Sabina ai termini tal-Avviż Legali 441.04 b' tali mod li tkun tista' tiġi approvata minn Transport Malta. Jgħidu li din ta' l-aħħar ma kinitx obbligata tapprova l-pjan ta' immaniġjar tat-traffiku u l-arei identifikati għall-posti kif preżentat mill-Kunsill.

7. Fil-fehma tal-qorti minn qari tal-ittra tal-appell (7 ta' Settembru, 2017) kellu jkun ċar għall-Bord li l-kontestazzjoni m'hijiex it-trasferiment tal-monti minn Pjazza Indipendenza għall-Pjazza Sabina. Dik hi materja li ovvjament il-Bord m'għandux il-kompetenza li jiddeċiedi dwarha. Fir-rikors tal-appell stess l-appellanti stess iddikjaraw li, *"l-esponenti fl-ebda ħin u mument ma wżaw il-proċedura odjerna sabiex jimpunjaw it-trasferiment tal-Monti mit-Tokk għall-Pjazza Sabina kif inspjegabilment donnu fehem l-ewwel Onorabbli Bord"*

8. Hu ovvju li d-deċiżjoni li l-monti ma jibqax jarma fit-Tokk u jkun trasferit fi Pjazza Sabina, ma kinitx tal-appellat. Fil-fatt minn regolament 26 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 jirriżulta li l-Ministru resposabbli għall-kummerċ jistabbilixxi l-lokalita' tas-swieq fil-beraħ. Imbagħad Skeda III fl-istess Leġislazzjoni Sussidjarja issemmi l-lokalita' ta' swieq fil-beraħ u t-toroq fejn jistgħu joperaw. Fil-każ tar-

Rabat, Għawdex tissemma Pjazza Sabina. Għalhekk żgur li d-deċiżjoni li s-suq fir-Rabat, Għawdex ikun fi Pjazza Sabina ma kinitx deċiżjoni tal-Kunsill Lokali.

9. Pero' l-ilment tal-appellanti kien dwar l-allokazzjoni tal-posti li l-Kunsill għamel fil-Monti ta' Pjazza Sabina f'Għawdex u mhux minħabba li l-monti ma baqax fit-Tokk. L-ispostament minn pjazza għall-oħra ssemmiet fl-ittra tal-appellanti tas-7 ta' Settembru, 2017 bħala introduzzjoni għall-ewwel ilment. L-ilment kien dwar l-allokazzjoni tal-posti li skonthom m'humiex adattati u ma jipprovdux għall-passaġġ adegwat. Fil-fatt it-talba li saret mill-appellanti kienet sabiex il-Bord, *"... jogħġbu jirrevoka l-allokazzjoni tal-posti lill-bejjiegħa tal-Monti tal-belt Victoria magħmula fit-22 ta' Awwissu, 2017"*. Ma saret l-ebda talba sabiex il-monti jintbagħat lura fit-Tokk.

10. Permezz tal-**ewwel**, it-**tieni**, il-**ħames** u s-**sitt** aggravji tagħhom quddiem il-Bord, l-appellanti lmentaw li:

i. l-posti allokati m' humiex prattikabbli għax mhux biss m'humiex ugwali għal dawk li kien hemm fit-Tokk imma huma wkoll mingħajr passaġġ adegwat bejniethom b'mod u manjiera illi huma ser ikunu ferm imxekklin fl-eżerċizzju tan-negozju tagħhom;

ii. l-allokazzjoni ta' dawn il-posti ma ħaditx in konsiderazzjoni t-traffiku tal-madwar u l-pompa tal-petrol li topera fl-istess pjazza, bi ksur tar-regolament 5(13) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04;

v. l-allokazzjoni tal-posti ma tippermettix li l-appellanti jarmaw tinda;

vi. ġo ċertu posti tal-bejjiegħa jitpoġġew pedestalli maġġuri tal-festi min-nofs Ġunju sa wara Santa Marija u għalhekk mhux se jkunu jistgħu jarmaw f' dan il-perjodu.

11. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti għandhom raġun jilmentaw dwar il-fatt li l-Bord ċaħad l-**ewwel**, it-**tieni**, il-**ħames** u s-**sitt** aggravji tagħhom minħabba li kien tal-fehma li, *'jekk il-Bord ibiddel iż-żoni indikati għall-allokazzjoni tal-monti ma jkunx qiegħed jissindika biss id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali pero anké d-deċiżjoni ta' Transport Malta, liema deċiżjoni teżorbita mill-kompetenza tiegħu'*.

12. Fl-ewwel lok, mill-aspett ta' proċedura ma kienx hemm eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza. M'hemmx dubju li l-Bord kellu kull dritt li jqajjem l-eċċezzjoni *ex officio* dwar il-kompetenza tiegħu. Pero' għallinqas qabel id-deċiżjoni kellu

jgħarraf lill-partijiet u jagħtihom l-opportunita' li jagħmlu sottomissjonijiet dwarha.

13. Kuntrarjament għal dak allegat mill-Kunsill appellat fit-tweġiba in diżamina, mhux minnu li d-difiża tal-kompetenza, *'kienet tinkwadra ruħha fir-risposta tal-esponenti għat-tieni aggravju tar-rikors promutur tal-appellanti.* Dik il-parti tat-tweġiba kienet tirreferi biss għall-fatt li t-*traffic management* kien ġie approvat minn Transport Malta in risposta għall-allegazzjoni li l-allokazzjoni tal-postijiet ma ħaditx in konsiderazzjoni t-traffiku tal-madwar. Fil-fehma tal-qorti dik m'hijiex eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza.

14. Fit-tieni lok m'hemmx dubju li l-allokazzjoni tal-posti saret mill-Kunsill. L-ittra 'X' li ssemmiet fid-deċiżjoni tal-Bord intbagħatet mill-Awtorita' tat-Trasport lill-Kunsill appellat, u nfurmah *"our Unit finds no objection for the layout plan to be implemented as per attached Dok A"* u li hi ffirmata minn perit mill-Uffiċċju ta' Għawdex tal-Awtorita.

15. Pero' mill-provi rriżulta li kien il-Kunsill li ħareġ bil-proposta li ġiet approvata mill-Awtorita tat-Trasport. Fil-fatt il-perit Edward Scerri jgħid li huwa kien tqabbad mill-Kunsill Lokali Victoria sabiex:

> *'l-istalls li kien hemm permess għalihom fi Pjazza Indipendenza issir rilokazzjoni għalihom fi Pjazza Sabina. Għamilt dan l-eżerċizzju ...'*

16. B'referenza għall-pjanti ES2 u Dok ES3, il-Perit Edward Scerri xehed li l-pjanta:

> ***'inħarġet minni u approvata mill-Perit Clint Camilleri ta' TM'***

17. Il-fatt li l-Awtorita approvat il-pjan tat-traffiku propost mill-Kunsill, ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-appellat dwar l-allokar tal-posti ma tistax tiġi kontestata.

18. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jintlaqa' u l-atti ser jintbagħatu lura lill-Bord għal deċiżjoni fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt aggravji tal-appellanti.

19. **Madankollu, hu wkoll rilevanti li fl-ewwel lok jiġi determinat mill-Bord jekk l-ilment tal-appellanti jaqax taħt regolament 36 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07, li hu r-regolament li nvokaw l-appellanti fir-rikors tal-appell (ara l-ewwel paġna tal-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017).**

20. **Fit-tieni aggravju** l-appellanti lmentaw li l-Bord għamel, *'apprezzament żbaljat tal-mansjoni u kompetenza tiegħu'* billi, *".... adotta l-metodu ineditu illi jagħmel suġġeriment ta' fejn għandu jestendi l-Monti fi Pjazza Sabina".* Dan l-aggravju ser jiġi miċħud għaliex kull m'għamel il-Bord kien suġġeriment u xejn iktar. Il-Bord bl-ebda mod ma ordna li ssir estensjoni tal-ispazju tal-Monti bil-mod li ssuġġerixxa fid-deċiżjoni.

21. Permezz tat-**tielet aggravju** l-appellanti jilmentaw mbagħad li l-Bord żbalja meta ċaħad it-tieni aggravju minkejja dak li jipprovdi r-regolament 5(13) tal-L.S. 441.04. Dan is-sub-regolament jipprovdi li:

> *'(13) Dawk it-toroq li fihom jintrama' l-monti kif provdut fir-regolamenti msemmija għandhom ikun magħluqin għat-traffiku fil-ħinijiet u l-ġranet tal-monti.'*

22. Dwar dan l-aggravju l-qorti m'għandha bżonn tgħid xejn in vista ta' dak li diga' qalet b'riferenza għat-tieni ilment li l-appellanti pproponew quddiem il-Bord. Il-Bord ċaħad it-tieni lment tal-appellanti mhux a bażi tal-ilment tal-appellanti li fih irriferew għar-regolament 5(13), iżda għal raġunijiet li diġa ssemmew f'dik il-parti tas-sentenza li titratta dwar l-ewwel aggravju.

23. Ir-**raba' aggravju** tal-appellanti huwa li l-Bord għamel interpretazzjoni ħażina tar-regolament 5(2)(a) tal-L.S. 441.04 meta rrefera għall-proviso tal-istess regolament sabiex jiċħad it-tielet ilment. Jikkontendu li l-imsemmi proviso jirreferi għall-qisien li għandu jkollom il-parkeġġi allokati lill-bejjiegħa tal-Monti, iżda ma jeżimix lill-Kunsill Lokali milli jipprovdi tali parkeġġ.

24. It-tielet aggravju li jinsab fir-rikors promutur huwa li l-Kunsill appellat qiegħed jikser regolament 5(2)(a) tal-liġi sussidjarja 441.04 meta naqas li jara li fit-triq fejn jintrama l-monti ikun hemm post għall-parkeġġjar tal-vetturi tal-bejjiegħa ħdejn l-ispazji allokati. Jikkontendu li għalkemm il-<u>qisien</u> ma japplikawx bis-saħħa tal-*proviso,* l-obbligu li jiġi pprovdut spazju għall-ipparkeġġar tal-vetturi tal-bejjiegħa ħdejn l-ispazji allokati sabiex jintrama t-tilar huwa kjarament viġenti.

25. Dwar dan il-Bord iddeċieda kif ġej:-

> *'Illi dwar it-tielet aggravju dwar ir-regolament 5(2)(a) tal-liġi sussidjarja 441.01, ossija l-allegata nuqqas li jiġi pprovdut post għall-parkeġġjar tal-vetturi ta' l-appellanti, issir referenza għall-proviso tal-istess artikolu li jgħid hekk:*
>
> > *"Iżda dawn il-qisien ma japplikawx għas-suq fil-beraħ li jinsab f' San Ġakbu u suq ta' Pjazza Sabina, Victoria, f' Għawdex."*

*Illi għalhekk dan l-aggravju ma jistax jiġi milqugħ.*

26. L-artikolu 5(2)(a) tal-L.S. 441.04 jipprovdi:

> '*(2) (a) Il-Kunsill Lokali għandu jara li fit-triq fejn jintrama suq fil-beraħ isiru sinjali li juru l-ispazji għall-ipparkeġġjar tal-vetturi tal-bejjiegħa. Dawn l-ispazji għandhom ikunu ta' 2.5m b'6m u jkollhom numru ta' identifikazzjoni li jkun jindika l-posta tal-bejjiegħ, b'dan iżda li meta jpinġi s-sinjali, il-Kunsill Lokali għandu jieħu ħsieb li biswit kull spazju jkun hemm spazju biżżejjed ta' mhux aktarminn 2.5m b'6m biex jintrama t-tilar mal-vettura:*
>
> ***Iżda dawn il-qisien ma japplikawx għas-suq fil-beraħ li jinsab Marsaxlokk u li jintrama matul il-ġimgħa kif ukoll is-suq tal-Belt, Valletta, li jinsab f'San Ġakbu u s-suq ta' Pjazza Santa Sabina, Victoria, f'Għawdex**.'*

27. Il-Kunsill appellat da parti tiegħu wieġeb li l-qisien indikati f'dan ir-regolament ma japplikawx għall-pjazza Sabina. Jgħid li huwa ma imponiex il-mod ta' kif l-appellanti jarmaw il-posta tagħhom iżda kemm jekk jipparkeġġjaw il-vettura tagħhom jew jarmawx tilar biss, l-bejjiegħa ta' suq fil-beraħ iridu jirrispettaw l-ispazju allokat lill-posta tagħhom.

28. F' dan il-każ il-Kunsill għandu raġun. Huwa ovvju li fejn hemm restrizzjonijiet ta' spazju b'dan illi l-qisien msemmija fir-regolament 5(2)(a) ma japplikawx, mhux garantit li fil-posta allokata ikun hemm biswit biżżejjed spazju kemm għall-vettura kif ukoll għat-tilar. Kull raġunament differenti jkun differenti meħud in konsiderazzjoni l-ispazju limitat fi Pjazza Sabina.

29. Għaldaqstant l-aggravju hu miċħud.

30. Il-ħames u sitt aggravju tar-rikors tal-appell jikkonċernaw l-ilmenti li fl-ittra lil Bord jissemmew bħala ilmenti (v) u (vi). Fir-rigward:

    i. Tal-ħames ilment, ġialarba l-qorti ser tħassar dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Bord li titratta dwar dawk l-ilmenti għar-raġunijiet li ngħataw b'riferenza għall-ewwel aggravju, m'hemmx lok li tidħol fil-meritu tal-aħħar żewġ aggravji;

    ii. Tas-sitt ilment, il-Bord qal li, *"... ma jistax jordna lill-Kunsill appellat joħroġ ordnijiet lil terzi li m'humiex involuti f'dawn il-proċeduri, bħal per eżempju l-persuni responsabbli għall-armar u l-għaqdiet tan-nar"*. Fil-fehma tal-qorti jekk il-Bord għandu kompetenza li jiddeċiedi dwar dan l-ilment u fir-realta' l-Kunsill qiegħed jagħti permessi lil terzi sabiex fil-perjodu tal-festa

jpoġġu armar fil-posti tal-bejjiegħa, ma kien hemm xejn milli jżommu milli jiddeċiedi dwar dak l-ilment u jagħti ordnijiet. Pero' fl-ewwel lok il-Bord tal-Appelli dwar Liċenzjar għandu jikkunsidra u jiddeċiedi dwar jekk għandux il-kompetenza li jiddeċiedi l-ilment numru sitta (6) tal-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017. Skont artikolu 6 tal-Kap. 441, il-kompetenza tal-Bord hi limitata għal dawk id-deċiżjonijiet li jkunu ittieħdu skont id-disposizzjoni tal-Att prinċipali u r-regolamenti li jsiru taħtu. Għaldaqstant, il-Bord irid jiddetermina, wara li jkun ta lill-partijiet l-opportunita' li jagħmlu sottomissjonijiet, jekk għandux kompetenza li jiddeċiedi dwar l-ilment relatat mal-armar tal-festi.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq:-**

1. **Tilqa' l-ewwel aggravju u tħassar biss dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Bord li biha ċaħad l-ewwel, it-tieni, il-ħames u sitt ilment kif spjegati fl-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017. Fir-rigward ta' dawk l-ilmenti l-partijiet għadhom fl-istess posizzjoni li kienu qabel id-deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru, 2018;**
2. **Tiċħad it-tieni u r-raba' aggravju tal-appell;**
3. **B'riferenza għat-tielet, ħames u sitt aggravju tal-appell, tiddikjara li m'hemmx ħtieġa li tippronunzja ruħha fil-meritu ġialadarba intlaqa' l-ewwel aggravju u tħassret dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Bord li ċaħdet l-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt ilmenti.**
4. **Għal kull buon fini tikkonferma dak li ddeċieda l-Bord b'riferenza għat-tielet u raba' ilment tal-ittra tas-7 ta' Settembru, 2017.**

**Spejjeż jinqasmu in kwantu għal ¾ a karigu tal-Kunsill u ¼ a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.